Government of Western Australia
North Metropolitan Health Service

BreastScreen WA
WA's only accredited screening service

# X'jiġri wara li tagħmel il-mammogramma?

## Prosit talli għamilt dan l-eżami importanti għal saħħtek!

L-X-rays tiegħek jiġu eżaminati minn żewġ radjoloġi. Isir kull sforz biex ir-riżultati tiegħek jiġu mibgħuta bil-posta jew elettronikament fi żmien ġimagħtejn. Tintbagħat ukoll kopja lit-tabib li tinnomina sakemm ma tlabtx mod ieħor. Bil-kunsens tiegħek, ir-riżultati tal-mammograma tiegħek jiġu nklużi f'My Health Record. Jekk hemm xi affarijiet li inti nkwetata fuqhom tista' iżżur is-sit tagħna www.breastscreen.health.wa.gov.au jew ċempel (08) 9323 6700 jew fuq in-numru b'xejn għal min joqgħod fil-kampanja 1800 800 033.

## X'jiġri jekk ikolli bżonn nerġa' nagħmel X-ray oħra?

Kultant, jekk l-istampa prodotta ma tkunx ċara biżżejjed, ir-radjologu jitlob li ssir X-ray oħra. Jekk dan hu neċessarju, tirċievi telefonata jew ittra li titolbok biex terġa' tmur. Dawn l-X-rays ripetuti jsiru fil-klinika fejn isir l-eżami.

## X'jiġri jekk ikolli bżonn nagħmel aktar X-rays tas-sider?

Madwar 1 minn 20 mara tiġi mitluba biex tirritorna għal aktar X-rays tas-sider. Dawn l-X-rays jiffukkaw fuq dik il-parti tas-sider li trid tiġi eżaminata b'aktar dettal. Jekk dan hu neċessarju, BreastScreen WA tikkuntattjak biex tagħmel appuntament.

## Nisa li joqogħdu fiż-żona metropolitana

Fiż-żona metropolitana, aktar X-rays jiġu meħudin f'wieħed mill-BreastScreen WA's Breast Assessment Centres, li jinsabu fl-isptarijiet Fiona Stanley, Royal Perth u Sir Charles Gairdner.
Ħafna drabi, dawn l-X-rays li jittieħdu wara juru li ma teżisti l-ebda problema. Numru żgħir ta' nisa jkollhom bżonn aktar testijiet, bħal ultrasound jew bijopsija. Dawn it-testijiet isiru fl-istess ġurnata li jsiru l-X-rays l-oħra.

## Nisa li joqogħdu fiż-żona rurali tal-Istat tal-WA

Għal nisa li jgħixu fil-kampanja, aktar X-rays isiru fis-servizz mobbli. BreastScreen WA tikkuntattjak biex tinfurmak jekk hemmx bżonn aktar testijiet.
Hemm servizz permanenti u reġjonali ta' ttestjar u evalwazzjoni ġewwa l-Kampus tal-Bunbury South West Health.

## Huwa importanti li tiftakar li l-maġġoranza tan-nisa li jkollhom aktar testijiet m'għandhomx kanċer.

In-nisa kollha li jkollhom bżonn aktar testijiet għandhom l-għażla li jkunu riferuti mal-ewwel għal wieħed mill-Breast Assessment Centres jew li jaraw it-tabib tagħhom.
Ir-riżultati kollha tat-testijiet fil-Breast Assessment Centres ikunu disponibbli fil-ħin tal-appuntament, barra r-riżultati ta' bijopsiji ikkonċentrati li huma disponibbli 24 siegħa wara.
Għal dawk il-ftit nisa bil-kanċer, is-sejba kmieni ttejjeb drastikament iċ-ċans li jirnexxi t-trattament. Kanċers żgħar tas-sider ħafna drabi jistgħu jiġu trattati b'operazzjonijiet anqas estensivi minn dawk li jkun hemm bżonn għal kanċers akbar.

## Il-mammogramma turi l-kanċers tas-sider kollha?

Mammogrammi jistgħu jiskopru bejn 70-90% tal- kanċer tas-sider. Madankollu, hemm numru żgħir ta' kanċers li wieħed ma jistax jarahom b'mammogramma. Hemm iċ-ċans li l-mammogramma jew ma turix tibdil ikkawżat mill-kanċer tas-sider (riżultat negattiv falz) jew li jsiru aktar testijiet biex tiġi eżaminata bidla li m'hijiex ikkawżata minn kanċer tas-sider (riżultat pożittiv falz).
Jekk tinnota xi tibdil f'sidrek bħal għoqod, ħruġ ta' likwidu min-nipple jew uġigħ ġdid u persistenti, jekk jogħġbok ara lit-tabib tiegħek mal-ewwel, anke jekk l-aħħar mammogramma tiegħek ma uriet l-ebda sinjali ta' kanċer tas-sider. Tibdil mhux ta' ħsara, bħal ċisti, jidher sikwit f'mammogramma imma jiġi rrapportat lilek biss jekk hemm bżonn aktar testijiet.

## X'imiss li jiġri issa?

BreastScreen WA jibagħtulek ittra bid-data meta jmissek tagħmel mammogramma. Jekk għal xi raġuni ma tirċevix ittra, jekk jogħġbok ċemplilna fuq 13 20 50* u nagħmlulek appuntament aħna.

Il-mammogrammi li kont għamilt f'dan il-programm jinżammu b'mod kawtel biex jiġu mqabbla ma' testijiet tas-sider futuri.

Nisa li għandhom 75 sena u aktar ma jirċivux ittra biex tfakkarhom imma huma mistiedna biex jibbukkjaw onlajn jew billi jċemplu 13 20 50* għal appuntament.

Jekk tibdel l-indirizz, jekk jogħġbok ċempel fuq
13 20 50* u nfurmana.

Għal interpretu, jekk jogħġbok ċempel 13 14 50

(*li tiswa daqs telefonata lokali)

## X'irrid nagħmel aktar?

**Nisa ta' 50 sena u 'l fuq jistgħu jagħmlu mammograma B'XEJN kull sentejn.**

- Jekk tiġi eżaminata regolarment, xi kanċer tas-sider li jiġi skopert probabbilment ikun fi stadju bikri.
- Bejn 1–5% tan-nisa biss jista' jkollhom bżonn ta' mamogramma kull sena u dan jiddependi fuq is-sinifikat tar-rekord ta' kanċer tas-sider fil-familja tagħhom.
- Jekk kellek kanċer tas-sider fil-passat, huwa importanti li tara t-tabib tiegħek għal iċċekkjar segwenti u li jkollok mammogramma kull sena.

**Kun konxja ta' sidrek**

- Sir familjari ma' sidrek u x'inhu normali għalik. Ħares lejn sidrek fil-mera u ħoss sidrek minn żmien għal żmien.
- Jekk tinnota xi tibdil mhux tas-soltu f'sidrek, ara lit-tabib tiegħek mal-ewwel.
- Staqsi lit-tabib tiegħek dwar is-saħħa tas-sider waqt l-eżami mediku tiegħek li jmiss.

**Tibdil li ma jistax jiġi njorat jinkludi:**

1. għoqda, nefħa jew tħoss li sidrek jew taħt idejk qiegħed jiħxien;
2. tibdil fin-nipple bħal li nqalbet bil-kontra, ħruġ ġdid ta' likwidu, ħakk jew ulċeri fil-ġilda;
3. tibdil fil-ġilda tas-sider bħal ħruxija, tikmix jew ħmura;
4. xi parti mis-sider li tinħass differenti mill-bqija;
5. uġigħ ġdid u persistenti fis-sider.

## Għandek xi mistoqsijiet?

Ikkuntattja lit-tabib tiegħek jew ċempel: BreastScreen WA fuq 13 20 50 għal appuntamenti jew fuq (08) 9323 6700 għal informazzjoni jew fuq in-numru b'xejn għal nisa li joqogħdu fil-kampanja 1800 800 033

Email: breastscreenwa@health.wa.gov.au

National Relay Service www.relayservice.gov.au

Translating and Interpreting Service (TIS) 13 14 50

**Aktar informazzjoni bil-lingwa tiegħek tinsab fis-sit tal-BreastScreen WA:**
www.breastscreen.health.wa.gov.au/Breast-screening/Multicultural-women

BreastScreen AUSTRALIA
A joint Australian, State and Territory Government Program

**www.breastscreen.health.wa.gov.au**